# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 13**

**Rikors numru 865/09 JA**

**Edith Galea bħala eredi ta' Ġanni Saliba u Dolores nee` Farrugia u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2015 stante l-mewt ta' Edith Galea l-atti ġew trasfużi f'isem zewgha Ronald Galea**

**v.**

**Joseph Degiorgio**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell tal-attriċi Edith Galea mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu qegħda titlob lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar iċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni u tirrevokaha dwar il-kumplament u tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti għad-deċiżjoni fil-mertu wara ċ-ċaħda tal-

eċċezzjonijiet kollha, bl-ispejjeż.

Is-sentenza li minnha sar l-appell, fil-parti relevanti tagħha, tgħid hekk:

> "Ikkunsidrat;
>
> "Illi kif jidher ċar l-attriċi qed titlob li jiġi dikjarat null kuntratt li kien għamel missierha mal-konvenut fl-1986. Dan mhux l-ewwel tentattiv li jsir dan, infatti missierha stess u hi kienu fetħu kawża oħra li ġiet finalment deċiża kontra tagħhom mill-Qorti tal-Appell peress li fil-mori tal-kawża miet l-istess missierha u allura l-Qorti kkonkludiet li kien intemm l-interess ġuridiku billi f'dik il-kawża it-talba kienet qed issir a bażi tal-fatt li skond l-atturi l-imsemmi Ġanni Saliba ma kienx jaf li ma setax jittrasferixxi wkoll sehem martu li kienet mietet qablu. Peress li din il-kawża qed tibbaża ruħha fuq kawżali differenti, u ċjoe' s-simulazzjoni, huwa evidenti li l-ewwel eċċezzjoni ossija dik tar-*res judicata*, ma tistax tiġi akkolta, għaliex jonqos waħda mir-rekwiżiti tar-*res judicata,* u ċjoe' *'eadem causa petendi'*.
>
> "Illi huwa pero' daqstant evidenti illi l-kawżali u allegazzjonijiet tal-attriċi fiż-żewġ kawżi huma rrikonċiljabbli. Fil-kawża l-oħra, hija u missierha ddikjaraw li l-imsemmi missierha ħaseb li seta' jitrasferixxi ukoll sehem martu ġja' defunta. Issa qed tallega li missierha ġie ndott fi żball għaliex ħaseb li kien qed iħalli legat lill-konvenut u mhux jittrasferilu l-proprjeta' in kwistjoni. Huwa ċar li waħda teskludi l-oħra u għalhekk l-allegazzjoni li fuqha qed tibbaża din l-azzjoni ma tistax tiġi aċċettata bħala kredibbli. Ma hemm xejn ħażin li persuna tiftaħ aktar minn kawża waħda fuq kawżali differenti iżda meta dawn il-kawżali jkunu irrikonċiljabbli kif huma f'din il-kawża, il-Qorti meta tieħu kollox in konsiderazzjoni bilfors ikollha twarrab it-talbiet attriċi. *Oltre* dan mill-att in kwistjoni jirriżulta li l-mejjet Saliba rċieva s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) u allura qatt ma seta' ħaseb li kien qed iħalli legat ladarba rċieva l-flus.
>
> "Illi stabbilit dan il-Qorti m'għandhiex għalfejn teżamina l-eċċezzjonijiet l-oħra.
>
> "Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut għalkemm tiċħad l-ewwel waħda, u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi."

**Rikors tal-appell tal-attriċi Edith Galea (20.07.2011)**

L-attriċi Edith Galea ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

L-aggravji tagħha jistgħu jiġu sinteżizzati kif ġej:

*Il-kawża 1758/01FS u din odjerna:*

L-attriċi appellanti f'dan ir-rikors tal-appell tagħha tilmenta li l-ewwel Qorti għamlet żball evidenti meta qalet li l-kawżali u l-allegazzjonijiet tagħha fiż-żewġ kawżi (1758/01FS u din odjerna) huma rrikonċiljabbli. Hija tgħid li ma kienx il-każ li hi u missierha fil-kawża l-oħra kienu "*iddikjaraw flimkien*" li missierha kien erronjament ħaseb li seta' jittrasferixxi wkoll sehem martu, kif qalet l-ewwel Qorti, għax fil-fatt fil-kawża l-oħra hija kienet attriċi u missierha kien konvenut u fil-fatt kien għadu mhux notifikat.

Taċċenna għall-fatt li fil-kawża l-oħra (1758/01FS) kienet qegħda taġixxi bħala werrieta ta' ommha u kienet qegħda titkellem fuq nofs indiviż u missierha kien konvenut, filwaqt li f'din il-kawża tallum, invece, bħala eredi ta' missierha u ommha qegħda tattakka l-kuntratt bħala simulat. Issostni li ma jistax jingħad li kien il-każ ta' "*selecta una via non datur*

*recursus ad alteram*". Tgħid li kien ikollha raġun l-ewwel Qorti kieku fl-ewwel kawża (1758/01FS) kienu hi u missierha flimkien li għamlu l-kawża iżda ma kienx il-każ.

*Is-simulazzjoni o meno tal-kuntratt:*

Fir-rigward tal-kumment tal-ewwel Qorti li kien jirriżulta mill-kuntratt li Ġanni Saliba kien ħa Lm1,200, hija tgħid li l-ġurisprudenza hija mimlija b'każijiet fejn minkejja li fuq il-kuntratt ikun jidher li sar ħlas, tkun fil-fatt saret simulazzjoni bl-aktar mod assolut. F'dan ir-rigward tirreferi għall-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħ. Tonio Mallia) fit-23 ta' Ġunju 2005 fl-ismijiet **Josephine Pule v. Mario Grech et** fejn persuna kienet mingħaliha qegħda tagħmel testament u invece instab li kienet għamlet kuntratt ta' trasferiment.

Hija ssostni li kien hemm varji indizji li jikkonfermaw li missierha qatt ma ried jittrasferixxi l-proprjeta` lil Joseph Degiorgio. Tirreferi għax-xiehda tal-avukat Dr Schembri li kien inkarigat jikteb lil Degiorgio biex il-kuntratt jitħassar għaliex huwa ma kienx jaf li kien qed jittrasferilu proprjeta`, għall-fatt li ma sarx konvenju, għall-fatt li l-prezz kien baxx meta tqis li *si trattava* ta' post San Ġiljan, u wkoll għall-fatt li Ganni Saliba kien bniedem bla skola li għal affarijiet ta' flus u kitba kien iħalli f'idejn Ronnie Galea (ir-raġel tal-attriċi).

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenut Joseph Degiorgio (26.07.2011)</u>**

Il-konvenut appellat wieġeb biex juri li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

Huwa jgħid li ma jagħmilx sens li l-attriċi tippretendi li tiftaħ kawża oħra wara li fil-kawża 1758/01CFS, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2009, kienet ippremettiet li missierha l-konvenut Gianni Saliba, wara l-mewt ta' martu, bi żball u b'nuqqas ta' osservanza tal-liġi, ħaseb li seta' jittrasferixxi bħala werriet tagħha l-immobbli u għalhekk talbet li tiġi dikjarata proprjetarja ta' nofs indiviż. Jargumenta li huwa inveritier li wara dawn is-snin kollha issa qegħda tgħid li missierha ma riedx ibigħlu il-fond in kwistjoni u li meta kienu marru għand in-nutar kien mingħalih li qed iħallilu r-remissa b'legat.

Isostni li "*electa una via non datur recursus ad alteram*" u l-attriċi ma tistax tippretendi li tibbaża l-kawżali tagħha fuq is-simulazzjoni tal-kuntratt meta hija kienet allegat a tempo vergine li missierha kien biegħ il-fond kollu lill-appellat "*bi żball*" għax ħaseb li kien l-uniku eredi ta' martu. Jargumenta li dawn iż-żewġ ċirkostanzi ma joqogħdux flimkien, għax jew Gianni Saliba kien jaf li kien qed ibiegħ jew ħaseb li kien qed jagħmel testament.

Dwar l-allegata simulazzjoni tal-kuntratt jgħid li ma nġabet l-ebda prova li Ganni Saliba ħaseb li kien qed jagħmel testment u jistaqsi: kieku fil-fatt ħaseb li kien qed jagħmel testment allura kif irċieva Lm1,200 bħala prezz tal-fond li tħallsu quddiem in-nutar, u irriserva favur tiegħu l-użufrutt tal-fond? Jaċċenna wkoll għall-fatt li n-Nutar Paul Pullicino kien in-nutar tal-fiduċja ta' Ganni Saliba stante li kien l-istess nutar li mar għandu biex jagħmel it-testment *unica carta* tiegħu ma' martu Dolores Saliba fit-28 ta' Ottubru 1959 u l-istess nutar li kien mar għandu biex jagħmel id-denunzja meta mietet martu fis-16 ta' Ġunju 1982.

Isostni li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-attriċi u jinsisti li għandha tħallas id-*doppie spese* peress li qed tipprova tqarraq bil-Qorti meta qed tipprova tallega affarijiet differenti f'din iċ-ċitazzjoni kontrarjament għal dak li kienet allegat a tempo vergine fiċ-ċitazzjoni 1758/01CFS deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2009. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

L-aggravji tal-attriċi huma bażikament tnejn: wieħed ta' natura proċedurali u l-ieħor dwar il-mertu.

L-aggravju li huwa ta' natura proċedurali jirrigwarda r-rikonċiljabilita` o meno tal-kawżali ta' din il-kawża ma' dawk tal-kawża bin-numru 1758/01CFS.

***<u>Il-kawża 1758/01CFS</u> – ibbażata fuq l-allegat "żball" u "nuqqas ta' osservanza tal-liġi" da parti ta' Ġanni Saliba fir-rigward tal-kuntratt ta' bejgħ tas-16 ta' Ottubru 1986 meta ħaseb li seta' jittrasferixxi l-fond 3, St Angelo Street, San Ġiljan bħala werriet ta' martu Dolores Saliba:***

L-ewwel Qorti kienet għamlet riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Edith sive Maria mart Ronald Galea v. Joseph Degiorgio u Giovanni Saliba[1]". (Ċitazzjoni Nru. 1758/01FS)** liema kawża kienet ġiet deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Frar 2009. F'dik il-kawża l-attriċi kienet ippremettiet li kienet ġiet addottata mill-konjuġi Saliba <u>wara</u> li dawn kienu laħqu għamlu t-testment *unica charta*. Spjegat li wara li mietet ommha, missierha il-konvenut Giovanni Saliba kien "*bi żball*" u "b'*nuqqas ta' osservazzjoni tal-liġi*" ħaseb li seta' jittrasferixxi bħala werriet ta' martu l-immobbli 3, St Angelo Street, San Ġiljan meta fil-fatt ma setax jagħmlu għaliex l-attriċi bħala uniku wild tal-konjuġi Saliba kienet wirtet lil ommha. Għalhekk talbet (1) dikjarazzjoni li l-proprjeta`

[1]U b'digriet tal-25 ta' April 2002 l-imsemmi Joseph Degiorgio ġie nominat kuratur biex jirrappreżenta l-wirt tal-mejjiet Giovanni Saliba biss limitatament pero` għal dak li jirrigwarda l-interess ġuridiku li l-imsemmi Giovanni Saliba seta' kellu fil-kawża odjerna.

leġittima ta' nofs indiviż tal-fond 3, St Angelo Street, San Ġiljan kif soġġetta għall-utile dominju temporanju u l-ambjenti li jagħmlu miegħu jappartjenu lilha, (2) li jiġi ordnat ir-rilaxx tal-pussess assolut favur tagħha u (3) in-nomina okkorrendo ta' nutar biex jippubblika l-att opportun. Din il-Qorti tal-Appell diversament preseduta kienet irriteniet illi wara l-mewt ta' Giovanni Saliba fil-mori tal-kawża u l-ħatra tal-attriċi Edith Galea bħala l-eredi universali tiegħu l-kawża ma setgħetx titkompla peress li fl-attriċi kien spiċċa kull interess li seta' kellha għall-prosegwiment tagħha. Iż-żewġ sentenzi li kienu mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ġew annullati u t-talbiet tal-attriċi ġew miċħuda.

***<u>Il-kawża odjerna 865/2009JA</u> – ibbażata fuq l-allegazzjoni tas-simulazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tas-16 ta' Ottubru 1986***

Fil-kawża odjerna l-attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat null il-kuntratt ta' bejgħ li kien għamel missierha fl-1986. B'referenza għall-kawża 1758/01CFS l-ewwel Qorti qalet li Edith u missierha ("*missierha stess u hi*")[2] kienu fetħu kawża u spjegat li din kienet ġiet finalment deċiża kontrihom peress li fil-mori tal-kawża kien miet l-istess missierha u l-Qorti tal-Appell kienet ikkonkludiet li allura kien intemm l-interess ġuridiku. Irriteniet li l-kawżali u l-allegazzjonijiet tal-attriċi fiż-żewġ kawżi huma i<u>rrikonċiljabbli</u>: dan għaliex fl-1758/01FS hija u missierha

[2]Il-kawża msemmija fl-fatt saret minn Edith Galea kontra Joseph Degiorgio u missierha, u mhux minn Edith Galea u missierha.

iddikjaraw li l-imsemmi missierha kien ħaseb li seta' jittrasferixxi wkoll sehem martu mejta u issa fil-kawża odjerna qed tallega li missierha ġie indott fi żball għaliex ħaseb li kien qed iħalli legat lill-konvenut u mhux jittrasferilu l-proprjeta`. Oltre dan ikkummentat li jirriżulta li l-mejjet Saliba kien irċieva s-somma ta' Lm1,200 u allura qatt ma seta' ħaseb li kien qed iħalli legat. Hija ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni dwar ir-*res judicata peress* li kien jonqos ir-rekwiżit tal-"*eadem causa petendi*", laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut, u ċaħdet it-talbiet attriċi.

***<u>L-ewwel aggravju</u> - Il-kwistjoni dwar ir-rikonċiljabbilita` o meno tal-kawżali tal-kawża 1758/01CFS ma' dawk tal-kawża odjerna 865/2009JA***:

L-attriċi appellanti assolutament ma taqbilx mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li dawn iż-żewġ kawżi huma irrikonċiljabbli.

Taċċenna fl-ewwel lok għall-fatt li l-ewwel Qorti kienet inkorretta meta fir-rigward tal-kawża 1758/01CFS irriteniet li "*missierha stess u hi kienu fetħu kawża oħra li ġiet finalment deċiża kontra tagħhom mill-Qorti tal-Appell* …" u li "*Fil-kawża l-oħra, hija u missierha ddikjaraw li l-imsemmi missierha ħaseb li seta' jittrasferixxi ukoll sehem martu ġia defunta*".

Effettivament l-ewwel Qorti kienet inkorretta u l-attriċi odjerna għandha

raġun tilmenta. Mhux minnu li l-kawża l-oħra 1758/01CFS infetħet mill-attriċi Edith Galea u minn missierha Gianni Galea, u li huma t-tnejn iddikjaraw li meta sar il-kuntratt tal-1986 il-missier Gianni Galea kien ħa xi żball fir-rigward ta' kemm is-sehem tiegħu mill-post in vendita. F'dik il-kawża kien hemm attriċi waħda – l-attriċi Edith Galea. Missierha Ġanni Galea kien fil-fatt konvenut flimkien ma' Joseph Degiorgio. Mhux biss, iżda inċidentalment, Ġanni Galea laħaq miet qabel ma ġie notifikat bl-atti.

Issa Edith Galea daħlet fiż-żarbun ta' missierha u għalhekk (kif ġie ritenut fid-deċizjoni ta' din il-Qorti tal-Appell fil-kawża 1758/01CFS) hija marbuta bil-garanzija tal-paċifiku pussess fil-konfront tax-xerrej Joseph Degiorgio. Pero` hekk kif Edith Galea bħala eredi universali ta' missierha wirtet l-obbligazzjonijiet tiegħu, wirtet ukoll id-drittijiet naxxenti minn tali wirt u għalhekk ma hemm xejn li jżommha milli tfittex xi rimedju li seta' fittex missierha kieku kien għadu ħaj.

Veru li ż-żewġ kawżi (1758/01CFS u din odjerna) għandhom kawżali apparentement irrikonċiljabbli: f'waħda qed jingħad li kuntratt kien validu iżda kien hemm żball fir-rigward tas-sehem li seta' jitrasferixxi Ġanni Saliba, u fl-oħra qed jingħad li l-kuntratt kien simulat. Pero` fil-kawża 1758/01CFS kienet qed taġixxi Edith Galea f'isimha fir-rigward tal-fatt li kellha sehem ta' nofs indiviż mill-post li ttrasferixxa missierha, filwaqt li

f'din tallum qegħda tidher bħala werrieta ta' missierha, fiż-żarbun ta' missierha, biex tipprova tattakka l-validita` ta' kuntratt li l-istess missierha seta' jattakka kieku kien għadu ħaj.

Ladarba (kuntrarjament għal dak li rrieteniet l-ewwel Qorti) Ġanni Galea ma kien bl-ebda mod ippronunzja ruħu fuq il-validita` o meno tal-kuntratt tal-1986, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex l-istess Ġanni Galea, kieku kien għadu ħaj, ma setax jattakka l-validita` tal-kuntratt. U għalhekk bintu, bħala li issa daħlet fiż-żarbun tiegħu, tista' tagħmel tali kawża hi. Assolutament mhux il-każ ta' "*electa una via non datur recursus ad alteram*".

Għalhekk dan l-aggravju fir-rigward tal-proċedura, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa fondat, u kienet inkorretta l-ewwel Qorti meta laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut.

***<u>It-tieni aggravju</u> – il-"ħlas" tal-prezz ta' Lm1200 u l-allegata simulazzjoni***

Stranament, minkejja li l-ewwel Qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni, u spjegat li kellha bilfors twarrab it-talba attriċi, għażlet ukoll li tippronunzja ruħha fuq il-mertu: u cioe` l-allegata simulazzjoni tal-kuntratt. Dan għamlitu f'sentenza waħda meta qalet hekk:

> "*Oltre dan mill-att in kwistjoni jirriżulta li l-mejjet Saliba rċieva s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) u allura qatt ma seta' ħaseb li kien qed iħalli legat ladarba rċieva flus*."

L-attriċi appellanti ħassitha aggravata b'dan il-kumment tal-ewwel Qorti. Hija targumenta li l-fatt innifsu li fuq il-kuntratt tniżżel li għaddew il-flus mhux prova konklussiva li fil-fatt għaddew il-flus għax kieku kien hekk l-ebda kuntratt ta' bejgħ ma jitqies li kien simulat. Taċċenna għall-fatt li l-ġurisprudenza tagħna hija mimlija b'kawżi fejn kien hemm ħlas anke apparenti imma fil-fatt tkun saret simulazzjoni.

Permezz tal-kuntratt tas-16 ta' Ottubru 1986 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino Giovanni Saliba biegħ il-fond 3, Triq Sant'Angelo, San Ġiljan, lil Joseph Degiorgio u fuq l-istess kuntratt tniżżel l-prezz kien qed jiġi mħallas dakinhar stess: "*Dan il-bejgħ qiegħed isir u jiġi aċċettat bil-prezz ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) li l-venditur jiddikjara li qiegħed jirċievi preżenzjalment fuq dan l-att mingħand il-kumpratur*".

L-attriċi xehdet li missierha kien qalilha li huwa qatt ma kien ħa xi flus mingħand Joseph Degiorgio. Iżda ovvjament dan mhux biżżejjed biex jiġi stabbilit li, kuntrarjament għal dak imniżżel fil-kuntratt, ma sar l-ebda ħlas tal-prezz, u li l-kuntratt kien simulat. Din il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-verżjonijiet u l-punti li qajmu ż-żewġ partijiet rispettivament, biex jgħidu għaliex il-kuntratt kien jew ma kienx simulat.

L-attriċi qalet li fit-13 ta' Jannar 1998 waslet ittra indirizzata lil Joseph Degiorgio, 3, St Angelo Street, San Ġiljan u kienu marru biha għand in-Nutar. Spjegat li kienu saru jafu li Degiorgio kien issellef xi flus fuq id-dar u li kien minn hemm li missierha sar jaf li permezz tal-kuntratt tal-1986 kien jidher li huwa biegħ il-fond lill-konvenut. Ir-raġel tal-attriċi, Ronald Galea[3], xehed li l-lejl li l-attriċi qalet lil missierha li l-post kien biegħu lil Degiorgio kien tah ħass ħażin u sabuh fl-art.

L-attriċi esebiet żewġ ittri datati 14 ta' Mejju 1998 u 1 ta' Ġunju 1998 mibgħuta mill-avukat Dr Joseph Schembri f'isem Giovanni Saliba. F'dik tal-14 ta' Mejju 1998 inkiteb hekk "*Int taf għax hu infurmak, skont ma qalli hu, illi huwa kellu f'rasu li jiktibulek il-post u mhux li jittrasferihulek, kif fil-fatt għamel. Għalhekk inti mitlub sabiex tersaq għall-kuntratt ta' rexissjoni u għalhekk trasferiment lura tal-proprjeta` imsemmija lill-klijent tiegħi*". Dr Schembri fix-xiehda tiegħu ikkonferma li kien kiteb l-ittri hu iżda qal li, kieku mhux għax kien qed jaqra, ma kienx jiftakar. Ikkonferma pero` li dak li kiteb żgur li kien kitbu fuq struzzjonijiet tal-klijent tiegħu.

Jissemmew ukoll il-fatt li Ganni Saliba kien illitterat, li ma kienx jisma', li l-prezz ta' Lm1,200 kien wisq baxx għal fond f'dawk l-inħawi, u li ma kienx hemm konvenju.

[3]Kontro-eżami ta' Ronald Galea, 4 ta' Frar 2011

Għalkemm dawn il-fatti jistgħu jimmilitaw favur it-teżi tal-attriċi, min-naħa l-oħra hemm fatti oħra li jimmilitaw kontra.

Għalkemm il-prezz ta' Lm1,200 jista' jirriżulta xi ftit baxx anke għas-sena 1986, wieħed ma jridx jinsa li l-venditur irriserva l-użufrutt sal-mewt[4] u għalhekk ix-xerrej Degiorgio kien qed jixtri xi ħaġa li ma setax igawdiha għal numru indefinit ta' snin (fil-fatt Ganni Saliba miet 15-il sena wara). Il-valur ta' fond okkupat huwa ovvjament ferm inqas mill-prezz ta' fond vakanti. *In oltre* wieħed jista' jargumenta li ladarba l-prezz ta' Lm1,200 jidher li huwa baxx allura huwa iktar verosimili li Degiorgio effettivament għadda lil Saliba tali ammont (kif jgħid l-istess kuntratt) milli li ma għaddihulux. Kieku Degiorgio ma ħallas l-ebda flus lil Saliba, allura ma kienx hemm għalfejn jiġi dikjarat prezz baxx fl-ewwel lok. Jingħad ukoll li mix-xiehda tal-konvenut[5] jirriżulta li Ganni Saliba kien iz-ziju ta' missieru u allura kien ta' ġewwa, apparti l-fatt li, kif qalet l-attriċi stess, kienu t-tnejn dilettanti sew taż-żwiemel.

In-Nutar Paul Pullicino fix-xiehda tiegħu fil-kawża 1758/01CFS[6] xehed li kien il-venditur li avviċinah u mhux il-kumpratur u għalhekk kien nutar tal-fiduċja tiegħu. (Fil-fatt il-konvenut appellat anke jaċċenna għall-fatt li

[4] *"Il-venditur qiegħed jirriserva a favur tiegħu l-użufrutt fuq l-immobbli trasferit għal matul ħajtu kollha."*
[5] Xiehda tal-konvenut Joseph Degiorgio (attur fil-kawża 172/09JA – fol 59 et seq tal-proċess 172/09JA)
[6] Fol 104. Xhieda tat-22 ta' April 2004

kien l-istess nutar li Saliba kien mar għandu biex għamel it-testment *unica charta* u d-denunzja meta mietet martu). Dwar il-ħlas tal-prezz in-nutar ma qal xejn, għaliex ovvjament kien qed jixhed fil-kawża l-oħra (dwar in-nofs indiviż tal-attriċi) mhux f'din, li hija dwar is-simulazzjoni.

Fil-kawża "**Josephine Pule v. Mario Grech *et***"[7] li tagħmel riferenza għaliha l-attriċi fir-rikors tal-appell tagħha, fejn ġie dikjarat li l-kuntratt kien simulat, iċ-ċirkostanzi kienu xi ftit differenti għaliex in-nutar f'dik il-kawża kien xehed li ma jiftakarx li fil-fatt kienu għaddew xi flus quddiemu. Fil-każ in kwistjoni fir-rigward tal-ħlas tal-prezz hemm biss ix-xiehda tal-attriċi fejn qalet li missierha kien qal li ma kienx ħa flus. Żewġha Ronald Galea mistoqsi dwar il-flus qal "*Ma nistax ngħid, ma nafx, ma kontx hemmhekk".*

L-attriċi kontro-eżaminata[8] u mistoqsija jekk missierha riedx ibiegħ jew iħalli l-post lil Degiorgio irrispondiet "*Ma nafx x'ried jagħmel … u żgur li ma nafx x' ried jagħmel; mela jien mort miegħu?*".

U fl-aħħar iżda mhux l-inqas, hemm ix-xiehda tal-konvenut stess[9] fejn bil-ġurament tiegħu ikkonferma li meta sar il-kuntratt ta' bejgħ "*Jiena l-flus kont ħallastu, tajthom lil Giovanni Saliba dak il-ħin".*

---

[7]Deċiża fit-23 ta' Ġunju 2005, PA Imħ TM
[8]Kontro-eżami tal-attriċi, 4 ta' Frar 2011
[9]Xiehda tal-konvenut Joseph Degiorgio (attur fil-kawża 172/09JA – fol 59 et seq tal-proċess 172/09JA)

Din il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha miġbura quddiemha, ma tħosshiex konvinta li l-kuntratt kien simulat. Fl-assenza ta' provi li juru jew jindikaw li l-konvenut Degiorgio ma ħallas lil Ganni Saliba l-ebda flus ma jirrizultawx l-estremi li jaghtu lok ghat-tħassir ta' kuntratt. Anke jekk jirriżulta li Ganni Saliba stess kien qabbad avukat biex jieħu passi biex jirrixxindi l-kuntratt, dan fih innifsu mhux prova li l-kuntratt effettivament kien simulat. Mhux kull min jallega li kien vittma ta' simulazzjoni għandu raġun. Jiġi osservat ukoll li l-istess Ganni Saliba ma fetaħ l-ebda kawża kontra l-konvenut f'dan ir-rigward. L-ittri bl-avukat bagħthomlu f'Mejju u Ġunju 1998 u huwa miet fl-10 ta' Diċembru 2001 u cioe` tliet snin u nofs wara; għalhekk seta' ipproċeda b'kawża kieku ried jipprova jħassar il-kuntratt iżda għal xi raġuni iddeċieda li ma jipproċedix. (Forsi kien għalhekk imbagħad li bintu permezz tal-kawża 1758/01CFS iddeċidiet li tattakka l-kuntratt abbażi tal-kwistjoni tan-nofs indiviż tagħha u fetħet kawża kontra Degiorgio u missierha – li inċidentalment miet biss xahar wara).

In vista ta' dan kollu din il-Qorti tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza appellata, ħlief fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni li qegħda tiġi miċħuda (li pero` ma taffettwax id-deċiżjoni finali).

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb